- *jekk werrieta tal-vittma jiġux ikkumpensati iure proprio jew iure successionis*
- *tnaqqis minħabba dipendenza u own consumption*
- *tnaqqis minħabba lump sum payment*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM 29 t'Ottubru 2020.**

**Rikors Ġuramentat Nru. 1166/08 GM**

**Marcella Barun [I.D. 134176M] bħala leġittima rappresentanti ta' binha minuri Jesmar Vella, iben naturali tal-mejjet Jesmond Vella**

**vs**

**Saliba Bros Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attur ppreżentat fl-24 ta' Novembru 2008 li permezz tiegħu wara li ppremetta illi:-

1. fl-4 ta' Jannar 2008, għal ħabta tal-11am waqt li Jesmond Vella, impjegat tas-soċjeta' konvenuta, fuq inkariku u struzzjonijiet tas-soċjeta' intimata, kien qed isuq trakk b'tagħbija ta' ramel fil-barriera tas-soċjeta' konvenuta li ġġib in-numru 8, magħrufa bħala Ta' Skutu u tinsab ġo Wied iz-Ziju, Marsaskala huwa ġarrab inċident meta t-trakk waqa' mill-għoli u bħala konsegwenza ta' dan il-fatt, l-istess Jesmond Vella tilef ħajtu (Dok A).

2. Il-mejjet Jesmond Vella ma kienx miżżewweġ iżda mir-relazzjoni tiegħu mal-esponenti, twieled Jesmar fis-27 t'Ottubru 2003 (Dok B).

3. Il-minuri Jesmar kien dikjarat iben naturali tal-mejjet Jesmond Vella permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fid-9 ta' Mejju 2008 fil-kawża fl-ismijiet "Marcella Barun pro et noe vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku" (Ċitaz. Nru. 82/2008/JA) (Dok C).

4. Jesmond Vella miet intestat Dok D u E, ma kellux ulied oħra għajr l-imsemmi Jesmar u għalhekk l-istess Jesmar huwa l-uniku eredi tal-istess Jesmond Vella skond Art 809 u 811 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Barra min hekk, il-minuri Jesmar Vella kien dipendenti fuq id-dħul tal-missier naturali tiegħu Jesmond Vella għall-għejxien u sostentament tiegħu.

6. Konsegwenza tal-inċident, l-esponeneti noe ġarrbet "damnum emergens" u "lucrum cessans", kif jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

7. Għall-inċident u għall-mewt konsegwenti ta' Jesmond Vella kienet taħti unikament is-soċjeta' konvenuta għaliex għad li b'effett tal-Art 9 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, id-disposizzjonijiet tal-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta u

tar-regolamenti viġenti bis-saħħa tal-istess Kap 424 jagħmlu parti mill-kondizzjonijiet tal-impjieg ta' Jesmond Vella, is-soċjeta' konvenuta bħala "employer" tiegħu naqset li tiżgura s-saħħa u s-sigurta' tiegħu waqt il-qadi ta' dmirijietu bi ksur tal-Art 6 tal-Kap 424 u tad-disposizzjonijiet tal-Avviż Legali 36 tal-2003. Għalhekk triq tagħmel tajjeb hi għad-danni versu l-esponenti noe.

8. Għal dan l-inċident u għall-mewt konsegwenti tal-istess Jesmond Vella kienet taħti unikament ukoll is-soċjeta' konvenuta minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti skond Art 1031 u Art 1032 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Minkejja li s-soċjeta' konvenuta kienet interpellata l-ewwel b'ittra legali fl-24 ta' Settembru 2008 segwita b'ittra uffiċjali tat-30 ta' Ottubru 2008 sabiex tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-esponenti noe, hija baqgħet inadempjenti.

Talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li-soċjeta' konvenuta unikament responsabbli għall-inċident fuq riferit li bħala konsegwenza wassal għall-mewt ta' Jesmond Vella, impjegat tagħha, kif ukoll għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbet ir-rikorrenti noe.

2. Tillikwida d-danni kollha tar-rikorrenti noe, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lir-rikorrenti noe dak l-amont li jiġi dikjarat bħala dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjeż komprżi dawk tal-ittra interpellatorja tal-24 ta' Settembru 2008 u dawk tal-ittra uffiċjali tat-30 t'Ottubru 2008, u bl-imgħax legali kontra s-soċjeta' konvenuta li ġiet inġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ppreżentata fid-19 ta' Diċembru 2008 li permezz tagħha Saliba Bros. Limited C2295 eċċepiet:-

1. illi t-talbiet tar-rikorrenti nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti stante li mhux minnu li l-inċident fatali ġara minħabba xi tort negliġenza jew nuqqas ta' osservanza tal-prekawzjonijiet meħtieġa da parti tas-soċjeta' kif ser jiġi ddettaljatament ppruvat fil-kors tal-kawża odjerna;

2. illi t-talbiet rikorrenti nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-inċident fatali seħħ b'tort u negliġenza tad-defunt Jesmond Vella stess u dan kif ser jiġi ppruvat fl-kors tal-kawża odjerna;

3. illi bla preġudizzju għal dak fuq eċċepiet, u in ogni caso d-danni lementati ossia kemm dawk ta' 'damnum emergens' u 'lucrum cessans' jridu jiġu pprovati skond il-liġi kemm fihom innifishom kif ukoll għal dak li jirrigwarda il-konsegwenzjalita' tagħhom għal xi aġir jew nuqas tal-intimata li wkoll iridu jiġu pprovati;

Salvi, jekk ikun il-każ, risposti, ossia eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-każ;

***Fatti u Riżultanzi***

Is-sentenza numru 82/08JA fl-ismijiet **Marcella Barun f'isimha propju u bħala kuratriċi *ad litem* ta' binha minuri Jesmar Barun vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et.** tad-9 ta' Mejju 2008 iddikjarat illi l-mejjet Jesmond Vella huwa l-missier naturali tal-minuri Jesmar Barun u ġie ordnat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jirreġistra l-korrezzjonijiet neċessarji fl-atti tat-twelid numru 3858 tal-2003 billi jiġu mniżżla l-konnotati tal-istess Jesmond Vella minflok missier mhux magħruf.[1]

**09.11.2004** – Saret *site visit* minn MSB Valletta Limited li ħejjiet *Health & Safety Audit* tal-barriera tas-soċjeta` konvenuta fejn kien jaħdem is-sinistrat[2]. Dan ir-rapport jikkonsisti f'diversi taqsimiet, b'kull taqsima, tiddeskrivi l-istat attwali u jekk hemm lok, telenka rakkomandazzjonijiet għal tibdil. Kien hemm diversi rakkomandazzjonijiet f'dan id-dokument iżda l-ebda waħda minnhom ma kienet tirrigwarda l-proċess ta' *dumping* tal-materjal u ċjoe` x-xogħol li kien jagħmel Jesmond Vella fil-mument li tilef ħajjtu. '*Il-proċess ta' dan il-ħatt ta' materjal minn post għal ieħor kemm biex jitgħabba u kemm biex jiġi spilled over ma kienx inkluż fid-dokument. Għaldaqstant dan id-dokument li kieku ġie aċċettat mill-Awtorita` ma*

[1] Fol 9
[2] Dok CM1 a fol 85

*kienx ikun suitable, sufficient and systematic.'*[3] Dan kien biss *audit* u mhux *Risk Assessment* tal-barriera.

**08.01.2007** - Jesmond beda jaħdem mas-soċjeta` konvenuta ġewwa l-barriera. Fil-barriera jitqatta' l-ġebel u wara jiġi proċessat ġo *crusher* biex jiġu prodotti żrar ta' daqs differenti u ramel. Iż-żrar u r-ramel kienu jiġu stivati fil-qiegħ tal-barriera f'munzelli kbar separati. Il-materjal kien jiġi mgħobbi fi trakkijiet minn ġol-*crusher* li jinstaq 'l isfel fil-barriera biex hemm jinħatt f'munzelli kreati mill-materjal stess. Xogħol Jesmond kien jinkludi sewqan tal-*concrete mixer* kif ukoll xogħol fil-barriera inkluż dak li jħott il-materjal fil-munzelli.

**25.01.2007** – Saret spezzjoni min-naħa tal-Awtorita` għas-Saħħa u Sigurta` fuq il-post tax-xogħol bħala konsegwenza t'applikazzjoni mal-MEPA (illum Awtorita` tal-Ippjanar). L-Awtorita` wara l-ispezzjoni esiġiet li l-konvenuta jkollha persuna kompetenti sabiex tieħu ħsieb tagħmel *risk assessment ai termini* ta' L.S. 36/2003 u L.S. 379/2003.[4]

**04.01.2008** – Seħħ l-inċident u Jesmond Vella tilef ħajtu meta l-munzell ramel li kien fuqu bit-trakk tiegħu ċeda, it-trakk inqaleb u waqa' għal isfel bil-konsegwenza li Jesmond Vella nqabad taħt it-trakk.

***Il-metodu ta' kif kellu jinħatt il-materjal***

Il-partijiet kontendenti taw verżjonijiet konfliġġenti dwar x'metodu kien is-soltu jintuża għall-ħatt taż-żrar jew ramel.

---

[3] Ara xhieda ta' David Saliba a fol 75-80
[4] Dok DC3 a fol 223

Waqt dawn il-proċeduri l-konvenuta ressqet bħala xhud ewlieni tagħha lil wieħed mid-diretturi u cioe` Lawrence H Saliba li jieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-barriera. Xogħlu kien fl-uffiċċju jieħu l-*bookings* tax-xogħol. Kuġinuh Lawrence B Saliba, huwa direttur ieħor li kien jieħu ħsieb ix-xogħol fil-barriera. Dan tal-aħħar kien ta l-verżjoni tieghu kemm lill-Pulizija kif ukoll lill-esperti waqt li kienet qed issir l-Inkjesta Maġisterjali iżda ma ġiex prodott bħala xhud f'dawn il-proċeduri.

Skond Lawrence H Saliba, l-proċess li bih jiġi mħott il-materjal fuq il-munzelli kien billi x-xufier jieqaf bit-trakk fil-bidu tal-gozz, iġifieri 'l bogħod mix-xifer u jbattal hemm. Wara, jinbotta l-materjal li jkun ħatt, bil-gaffa (*shovel*) biex b'hekk it-trakk qatt ma jkun fix-xifer tal-gozz.[5] Il-trakk dejjem iħott fl-istess post biex b'hekk tkun il-gaffa li timbotta biex dejjem tkabbar il-gozz. Skond ix-xhud dejjem din il-proċedura ntużat. Ġie ppreżentat skizz ta' kif tinħaddem din il-proċedura[6]. B'din il-manjiera, x-xufier dejjem ikun qed jara ix-xifer tal-munzell u ma jkunx qribu peress li juża' l-*extendable shovel* biex jinbotta l-materjal. Skond ix-xhud dan huwa l-aktar metodu sigur għal dan il-proċess.

L-istess xhud qal illi l-vittma jista' jagħti l-każ li dakinhar tal-inċident ma mexiex ma' dan il-metodu għaliex kien mgħaġġel biex jitlaq lejn id-dar. Filfatt dakinhar Jesmond kien talbu biex jaħdem fil-barriera u mhux imur iqassam ix-xogħol barra peress li ried jitlaq kmieni. Dan ghaliex meta joħorġu jqassmu l-materjal barra mill-barriera, ma jkunux jafu kemm se jdumu. Għax-xhud ma kinitx problema u qallu li seta' jitlaq x'ħin irid għalkemm ma kienx ibbukkja *leave* minn qabel. Jgħid ukoll

[5] Ara sketches f'dok LHS 11 a fol 274
[6] Dok LHS a fol 274

illi dakinhar, Jesmond seta' ħatt fin-naħa t'isfel tal-munzell peress illi kienu qed jieħdu minnu.

Waqt il-kontro-eżami, x-xhud ikkonferma illi ma kienx hemm *foreman* jew *supervisor* biex jissorvelja x-xogħol kif isir u lanqas kien hemm *health and safety officer* fuq il-post.

L-attriċi ressqet għadd ta'xhieda, mpjegati tal-konvenuta, li kienu qegħdin jaħdmu fil-barriera meta seħħ l-inċident, biex jitfgħu dawl fuq il-metodu li soltu kien jintuża' fil-ħatt taż-żrar u ramel.

**Salvatore Dalli** li kien ilu mpjegat mas-soċjeta` konvenuta sa mill-1999, (illum pensjonant) jispjega illi '*sabiex l-impjegati jaslu għal post fejn jiġi proċessat iż-żrar, fl-istess barriera, ikollhom jgħaddu minn rampa li għandha wisa' ta' xi trakk u nofs, magħmula biż-żrar. Din ir-rampa ma fiha ebda lqugħ fuq ebda naħa tagħha...fuq iż-żewġt naħat tar-rampa ikun hemm gozz ta' ramel aktar l-fuq mir-rampa. Ir-rampa hija għolja xi sular u għandha tul ta' xi tlett trakkijiet*."[7]

Jgħid illi sabiex it-trakk jitla' fil-post fejn jinħatt ir-ramel jew iż-żrar, "***it-trakk kellu jinstaq b'lura****, għat-tul kollu tar-rampa. Meta t-trakk ikun qed jinstaq b'lura, ix-xufier tat-trakk ikun qed jaħdem waħdu, mingħajr xi assistenza ta' impjegat ieħor ta' Saliba Brothers Limited sabiex jassistih u jiggwidah għal fejn ikun sejjer. Kif jasal fil-post fejn jiġi proċessat iż-żrar, ix-xufier iħott it-trakk imbgħad jerġa jsuq lura biex jerġa jitgħabba t-trakk, din id-darba jsuq bil-quddiem*."[8]

[7] Fol 69
[8] Fol 69

Jgħid li dakinhar tal-inċident, "*Jesmond kellu jġorr ir-ramel minn taħt il-crusher u jitfgħu għal isfel fil-barriera stess, għal għoli ta' xi sular u nofs, tnejn."*[9] Biex jagħmel hekk, Jesmond kien jgħabbi t-trakk biż-żrar u ramel u jmur fuq rampa fl-istess barriera sabiex iħott dan iż-żrar u ramel. Din ir-rampa m'għandha l-ebda lqugħ fuq ebda naħa. "*Sabiex Jesmond ikun jista' jħott, **kellu jsuq b'lura distanza ta' xi tlett trakkijiet**, imbgħad jieqaf u jħott.*"[10]

"*Għandi ngħid illi sabiex sewwieq bħal Jesmond, ikun jaf fejn irid jieqaf, dan kellu jitgħallem biss bl-esperjenza peress illi ma hemm ebda sinjali jew indikazzjoni fejn tibda id-drop. **Lanqas ma jkollhom xi impjegat ieħor sabiex jassistihom sa fejn għandhom jieqfu**.*

*Ngħid li l-**proċess tal-ħatt bilfors irid isir bir-reverse** peress illi l-kaxxa qiegħda fuq wara tat-trakk u għalhekk ma jkun hemm ebda mod ieħor kif it-tobbija titbattal.*"[11]

Jikkonkludi billi jgħid illi '*is-sistema tax-xogħol tagħna kienet illi kulħadd kien responsabbli għax-xogħol tiegħu. **Ma kienx hemm persuna nkarigata sabiex jara illi x-xogħol qiegħed isir sewwa**.*"[12]

Jiftakar ukoll illi diversi snin ilu, wieħed mill-aħwa tad-diriġenti Saliba kien miet fl-istess barrieria f'inċident simili ħafna għal dak ta' Jesmond.

**Joseph Dalli**, xufier tal-gaffa mas-soċjeta` konvenuta għall-aħħar sbatax-il sena qabel xehed stqarr illi l-materjal "*tmur mal-gozz u turbolah. **Turbolah iġifieri tgħolli***

[9] Fol 70
[10] Fol 70
[11] Ibid
[12] Fol 71

***l-kaxxa b'lura**. Dan kien il-proċess li kien isir minn naħa tagħna biex jinħatt il-materjal mit-trakk. Meta persuna ikun qed iħott b'dan il-mod bit-trakk tiegħu, mistoqsi jekk ikunx qed iħott waħdu bħala proċedura ngħid li iva.... minn dak li rajt u minn dak li smajt jiena jekk fil-fatt **dak il-ħin li kien qed iħott Jesmond kienx waħdu ngħid li iva**.*"[13]

Impjegat ieħor, **Silvano Curmi**, li wkol kien ilu mpjegat mas-soċjeta` konvenuta għall-aħħar sbatax-il sena stqarr li xogħolu kien li jagħmel dak li jkun hemm bżonn. Mistoqsi jekk meta daħal ingħatax xi taħriġ, jgħid li kienu spjegawlu x-xogħol imma ħafna mix-xogħol "*tidrah waħdek u imbgħad jekk int tagħmel ħażin ikellmuk.*"[14] Normalment il-munzell tar-ramel ikun għoli żewġ sulari iżda ma kienx jaf dakinhar kemm kien għoli. Spjega li kif tidhol fil-barriera kien hemm l-impjant tar-*ready mix* flimkien mal-uffiċċju; tibqa' nieżel 'l isfel u ssib speċi ta' lembut kbir. Dak inhar tal-inċident, il-vittma kien qed iġorr ir-ramel minn ġol-lembut għal fuq il-munzell.

**Ahmed Zirac**, li dak inhar kien qed jagħmel l-istess xogħol ta' Jesmond Vella, iħott iż-żrar f'munzell ieħor faċċata ta' dak tal-vittma, xehed li huwa proprjament daħal impjegat bħala *technician* mal-kumpanija konvenuta iżda kien jagħmel minn kollox. Filfatt mir-ritratti esebiti jidher it-trakk tax-xhud wieqaf fuq il-munzell rispettiv li kien qed jaħdem fuqu hu, bil-kabina tat-trakk kważi max-xifer, fejn jindika illi tela' r-rampa bir-*reverse* biex spiċċa f'dik il-posizzjoni. Jgħid illi minn fejn waqa' Jesmond **ma kienx hemm barrikata u lanqas kien hemm xi ħadd biex juri fejn għandu jieqaf it-trakk**. Dak inhar tal-inċident ra biss it-trakk maqlub u Jesmond mgħaffeġ ġo fih, isfel u ġie taħt il-gozz li kien bejn wieħed u ieħor sular għoli.

[13] Fol 176B
[14] Fol 54

**Norbert Bajada**, impjegat ieħor xehed li l-munzell dakinhar tal-inċident kien għoli żewġ sulari u ma kienx hemm ilqugħ fil-passaġġ minn fejn il-vittma waqa' bit-trakk; li "*m'hemm xejn bejn il-gozz tar-ramel u dan l-għoli ta' żewġt sulari*;"[15] li dak inhar il-vittma kien waħdu u ma kien hemm ħadd ieħor preżenti; li ra t-trakk maqlub u t-trakk inqaleb minn fuq il-gozz tar-ramel li kien waqa' għoli ta' żewġt sulari; u li t-trakk ma waqax minn fuq il-passaġġ li kien hemm iżda minn fuq il-gozz tar-ramel.

Xhud ieħor miġjub mill-attriċi *nomine* huwa **David Saliba**, il-kap tat-Taqsimiet Tekniċi fi ħdan l-Awtorita` għas-Saħħa u Sigurta` fuq il-post tax-xogħol. Dakinhar tal-aċċident marru fuq il-post u talbu li jaraw il-*maintanance log book* ta' kull trakk speċjalment tat-trakk in kwistjoni iżda dawn qatt ma ingħatawlhom. Kien hemm xi ħadd li jagħmel *maintanance* fuqhom pero` ma kien hemm xejn uffiċċjali jew dokumentat kif titlob il-liġi.

Fi kliem l-istess xhud *"ngħid li huwa kien waħdu fuq il-post tax-xogħol meta ġara l-inċident, għaliex aħna tkellimna ma' diversi ħaddiema u ma' diretturi u mal-persuni li huma konċernati u ma kull min seta' jagħti dawl fl-investigazzjoni tagħna biex naraw x'ġara u ma ġarax, kulħadd qalilna li kien waħdu.*"[16]

L-informazzjoni illi meta waqa' t-trakk kien qed isir xi forma ta' *reversing* waslu għaliha għax huma talbu spjegazzjoni ta' kif kien il-proċess u x'seta ġara biex dan waqa'. Din l-informazzjoni ġabuha minn Lawrence B. Saliba, direttur tal-kumpanija Saliba Bros. Dan tal-aħħar spjegalhom li "*dan l-ewwel jgħabbi x-xaħx minn taħt is-silos u wara jieħdu sabiex iħottu fil-post inikat fejn seħħ l-inċident. Sabiex jidħol f'dan il-post ried jidħol bir-reverse. Jiġifieri dan kien rriversja biex iħott dak ix-xaħx*

[15] Fol 62
[16] Fol 77

*li kien għabba mis-silo ta' qabel. Skond Lawrence ma jkollu lil ħadd min jaralu wara għax din kienet il-prassi. Dan skond ma kien qalilna Lawrence li hu wieħed mid-diretturi stess.*"[17]

Ufficjal ieħor tal-OHSA, **Charles Micallef** kien innota illi ma kienx hemm barrikati fejn it-trakk jasal u jista' jaqleb il-kaxxa, iġifieri wieħed ried jikkalkula fuq għajnejh. '*Ngħid li s-sewwieq irid jikkalkula hu meta jieqaf... u hu biss ried jikkalkula meta jħoss hu. Ma kienx hemm xi ħaġa viżiva li ser tikkalkula fuqha.'*[18]

Ġiet ippreżentata ukoll kopja tal-proċess verbal li minnu rriżulta illi "*Jesmond kien tiela b'lura fuq ir-rampa għolja tar-ramel ibbattmat sabiex ibattal it-trakk minn vjaġġ ramel li kellu fil-kaxxa tal-istess trakk, għal ġewwa l-ħofra. Ġara li ħin minnhom, meta t-trakk wasal f'tarf din ir-rampa, parti mir-rampa msemmija ċediet taħt il-piż tat-trakk, bil-konsegwenza li t-trakk inqaleb b'lura għal isfel fejn spiċċa maqlub ta' taħt fuq u s-sewwieq spiċċa maqbud qalb it-tifrik tal-kabina*".[19]

Fir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina li ġie maħtur bħala espert fl-inkjesta maġisterjali, kien id-direttur Lawrence B. Saliba stess (li ma xehedx f'dawn il-proċeduri), li stqarr illi "*biex iħott ir-ramel għal isfel, Jesmond kellu jitla' r-rampa b'lura u jaqleb ir-ramel għal isfel.*"[20]

L-istess kliem huwa rifless fir-rapport tal-Pulizija li ħadu l-verżjoni tal-istess direttur waqt l-aċċess dakinhar tal-inċident fejn jispjega l-proċedura tax-xogħol li kien jagħmel il-vittma li '*dwar il-proċedura ta' dak ix-xogħol ngħid li wara li jimla' l-kaxxa minn taħt id-delu, hu jsuq u jreġġa' lura u jitla' r-rampa biex jaqleb ir-ramel*

[17] Fol 78
[18] Ara xhieda ta' Charles Micallef a fol 84A – 84E
[19] Fol 112
[20] Ara Xhied ta' Lawrence Saliba a Fol 130

*'l isfel.'*[21] Filfatt fir-rapport tal-Pulizija hemm imniżżel li '*irriżulta illi waqt li Jesmond Vella kien qiegħed isuq it-trakk magħruf bħala AEC żgħir sabiex iġorr xi tip ta' materjal minn naħa għall-oħra fl-istess barriera, dan it-trakk beda jiġi misjuq bir-reverse u meta għoliet il-kaxxa tiegħu ta' wara għeleb u baqa' niezel. Din l-informazzjoni ġiet mogħtija lill-Pulizija minn wieħed mis-sidien tal-barriera, ċertu Lawrence B. Saliba li huwa direttur u mpjegat hemmhekk ukoll.*'[22]

Illi **PS36 Sergio Azzopardi** esebixxa sett ritratti illi uħud minnhom fl-isfond tagħhom juru trakk ieħor li kien qiegħed ibattal bl-istess mod li bih kien qed jaħdem Jesmond u cioe` jitla' r-rampa b'lura, jersaq fix-xifer tal-munzell u hemm iħott l-materjal għal isfel billi jgħolli l-kaxxa. L-attriċi ppreżentat filmat li ttieħed minn wieħed mil-mezzi tax-xandir dakinhar tal-inċident fejn jidher illi faċċata tal-munzell li kien qiegħed iħott minnu l-vittma, kien hemm munzell ieħor u t-trakk li kien hemm fuqu, kien tela' r-rampa tal-munzell b'lura.[23]

***Sentenza Kriminali***

B'sentenza mogħtija fit-22 ta' Ġunju 2015, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali lliberat lid-diretturi tal-kumpanija konvenuta mill-imputazzjonijiet li nġabu kontrihom. Dik il-Qorti qieset illi x-xhieda ta' Lawrence B. Saliba, inkarigat mill-*operations* tal-barriera, mogħtija waqt l-inkjesta maġisterjali li fiha stqarr li l-metodu ta' kif jinħatt il-materjal fil-munzelli, kien billi t-trakk jinstaq b'lura sax-xifer tal-munzell, kienet prova mhux ammissibbli peress li x-xhud la ġie nfurmat bid-drittijiet tiegħu u lanqas ma ngħata d-dritt tas-silenzju. Bl-istess mod meta Lawrence B. Saliba ġie mistoqsi minn uffiċċjali tal-OHSA, David

[21] Fol 136
[22] Fol 146
[23] Dok XXX a fol 184

Saliba u Charles Micallef waqt il-kors tal-investigazzjoni, ma ingħata l-ebda twissija jew dritt li ma jirrispondix mistoqsijiet li kienu qegħdin isirulu u li setgħu jinkriminawh.

L-istess Qorti qieset li ma nġabet l-ebda prova li l-metodu adoperat mill-vittma kien il-metodu normalment adoperat fil-barriera u volut mill-akkużati. L-unika żewġt impjegati oħra ta' Saliba Bros Limited li ddeponew ma ġew mistoqsija xejn dwar kif kien isir ix-xogħol u ma taw l-ebda informazzjoni f'dan ir-rigward.

***Risk assessment***

L-Awtorita` għas-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-post tax-xogħol tesiġi illi meta fuq il-post tax-xogħol ikun hemm aktar minn ħames ħaddiema, kull *employer* irid jagħmel *risk assessment* li huwa l-evalwazzjoni tar-riskji li jeżistu fuq ix-xogħol u hekk jittieħdu prekawzjonijiet sabiex jiġu evitati jew imnaqqsa dawn ir-riskji. Filfatt l-Awtorita` talbithom dan ir-*risk assessment* iżda ġiet nfurmata li ma kienx hemm. Sussegwentament, wieħed mid-diretturi kien għaddielhom rapport li kien sar fl-2004.[24] Dan iżda kien *Health and Safety Audit* li ma ndirizzax il-proċess tal-ħatt tal-materjal.

***Prattiċi tajba tax-xogħol***

[24] Dok CM1 a fol 85

Charles Micallef xehed illi f'ċirkostanzi bħal dawn, l-Awtorita` tirrikjedi tlett affarijiet bħala prattiċi tajba ta' xogħol – jew wieħed jibda jara wieħed lill-ieħor, jew ikun hemm xi forma ta' *barriers* tal-konkos li t-trakk bħala roti ta' wara jaslu magħhom allura jkollu jieqaf u kif ukoll xi bandiera jew sinjal li wieħed jista' jara. Il-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tikkritika din is-sistema ssuġġerita mill-uffiċċjali tal-Awtorita` bħala li ma kienet sigura xejn għax juri li huma nieqsa mis-sapjenza u konoxxenza tan-natura tax-xogħol. Li jkollok rampa b'sinjali jew bnadar li jindikaw fejn għandek tieqaf huma *false standards* ta' min ma jifhem xejn fix-xogħol in kwistjoni. In-natura tar-rampa hija waħda li ma tista' qatt tindika fejn din tkun it-tarf tagħha b'mod fiss billi dan dejjem jinbidel. Il-konvenuta tgħid illi is-*system of work* li l-aktar li tiggarantixxi l-għola livell ta' sigurta` kienet propja dik imwettqa minnha u cioe` li tpoġġi lill-ħaddiem f'pożizzjoni li jara x-xifer u hekk dejjem jinbotta l-materjal bil-gaffa u hekk jibqa' l-bogħod mix-xifer.

***Obbligi ta' min iħaddem***

Mhux kull inċident li jiġri fuq il-post tax-xogħol fuq impjegat jirrispondi għalih min iħaddem. M'hemmx *strict liability*. Qabel xejn, irid jiġi determinat jekk l-inċident fih innifsu seħħx waqt li jkun qed isir xi xogħol utili għall-*employer, cioe`* waqt li attwalment ikun qed isir ix-xogħol mistenni mill-impjegat. Iżda, dan minnu nnifsu ma jitfa' l-ebda preżunzjoni ta' ħtija fuq l-*employer*.

L-*employer* jista' jkun responsabbli għall-event dannuż jekk dan jiġri minħabba *an unsafe system of work* li jkun hemm fuq il-post tax-xogħol, bħal per eżempju nuqqas ta' protezzjoni minn waqgħat mill-għoli, jew nuqqas ta' ilbies protettiv jew *production chasin* li jkun fiha '*unguarded hazards*' li magħhom faċilment jistgħu iweġġgħu n-nies tax-xogħol.

Kull każ għandu l-fattispeċji tiegħu. Għalhekk fl-investigazzjoni ta' kull każ partikolari, ikun meħtieġ li jiġi determinat jekk l-event dannuż ikunx attribwibbli għal:

(1) *unsafe system of work;*

(2) tort tal-impjegat innifsu;

(3) tort ta' impjegat ieħor li żbalja f'xogħlu pero li kien persuna kompetenti biex jagħmel dak ix-xogħol;

(4) tort ta' ħaddiem ieħor li jirriżulta inkompetenti;

(5) tort ta' xi ordni jew direzzjoni żbaljata jew perikoluża tal-*managment* jew tal-*employer;*

(6) kombinazzjoni ta' tnejn jew aktar mill-fatturi t'hawn fuq.

Kull waħda minn dawn l-ipotesi ġġib konsegwenzi ġuridiċi differenti.

Fil-ġurisprudenza Ingliża, it-tejorija tal-*employer's liability* ġiet żviluppata u tajjeb li ssir riferenza għall-mod kif iħarsu lejn dan l-aspett legali l-awturi u l-Qrati Ingliżi. Id-dover tal-*employer* li jħares lill-impjegat tiegħu ġie suddiviż fil-kategoriji li jidhru hawn taħt:

*"The duty may be considered under five heads: (1) to provide a safe place of work; including a safe means of access; (2) to employ competent servants; (3) to provide and maintain adequate appliances; (4) to provide a safe system of work; and (5) other cases."*[25]

---

[25] Charlesworth on Negligence. 6th Edition, Sweet & Maxwell p. 622

**Dwar sistema sigura tax-xogħol** ingħad minn dawn il-Qrati li *"min iħaddem għandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xogħol ma jkunx konduċenti għal kwalunkwe forma ta' inċident li jippreġudika lill-impjegati tiegħu."*[26] Ingħad ukoll li:

> "Id-doveri ta' sid ta' entrapriża biex iħares is-saħħa ta' l-impjegati tiegħu huma li:-
>
> "A. il-ħaddiema għandhom jaħdmu f'post tax-xogħol li ma jkunx perikoluż taħt iċ-ċirkostanzi (safe place of work);
>
> B. il-mod kif isir ix-xogħol (bħala sistema) m'għandhux ikun wieħed perikoluż (safe system of work);
>
> hemm erba' elementi li jirrendu a *system of work unsafe* –
>
> a. that the defendant's operations involved a risk of injury which was reasonbly forseeable;
>
> b. that there were reasonably practicable means of obviating such risk.
>
> c. that the plaintiff's injury was caused by the risk in question.
>
> d. that the failure of the defendant to eleminate the risk showed a want of reasonable care of the plaintiff's safety".
>
> C. il-fatt li l-mod kif isir ix-xogħol ilu stabillit għal żmien twil ma jfissirx neċessarjament li s-sistema hija neċessarjament waħda li ma fihiex perikolu;
>
> D. il-ħaddiema jkollhom għodda li ma twassalx għal-perikolu (safe tools and proper machinery);

---

[26] Kevin Mallia vs Alfred Mizzi and Sons (Marketing) Limited (P.A. (TM) - 9 ta' Ottubru 2003). Ara wkoll Joseph Cini vs George Wells (P.A. (NA) - 29 ta' Mejju 2001).

E. Il-ħaddiema għandhom ikunu magħllma tajjeb għat-tip ta' xogħol li qed jagħmlu (properly skilled workers);

F. min iħaddem m'għandux iqabbad lill ħaddiema tiegħu jagħmlu xogħol li mhux soltu jagħmlu u li għalih ma kellhomx stħarriġ; hu importanti wkoll li wieħed jara kemm ilu jaħdem dan it-tip ta' xogħol il-ħaddiem;

G. ir-responsabilita' tas-sid tiżdied jekk il-ħaddiem jirrileva xi perikolu involut u s-sid jinjora dan il-fatt;

H. il-ħaddiema ma għandhomx ikunu traskurati b'mod li jżidu l-perikolu;

I. kull minn jimpjega għandu l-obbligu li jonora l-liġi ġenerali tal-pajjiż'.[27]

Fil-kuntest tal-obbligi ta' min iħaddem intqal ukoll minn kittieb partikolari li "*There are then a number of clearly identifiable factors which the judge will have in mind in deciding whether an employee's claim should be successful – in effect the 'ingredients' of reasonable care*." [28] L-elementi jew il-fatturi li jelenka dan l-awtur huma s-segwenti:-

*"(1) First and foremost is the question of the likelihood or otherwise of injury. The more likely or probable an accident is, the greater the duty to guard agains tit. But if there is only a remote possibility of danger, the need for precautions is usually much reduced".*

*"(2) The second factor helping us to decide whether an employer took reasonable care is that of the potential seriousness of injury. If a certain process or product could cause a disastrous accident, any reasonable employer would take the greatest possible care to avoid it. Such stringent precautions*

[27] Victor Cassar et v. HSBC Bank Malta p.l.c (P.A. (LFS) – 3 ta' Marzu 2009) u Paul Grech vs Carmelo Bugeja (P.A. (LFS) – 9 ta' Ottubru 2006 fejn ingħad li:-

[28] Whincup - Modern Employment Law 6th Edit p.198

*would still be necessary even though the chances of the accident happening were in fact quite small".*

*"(3) The third 'ingredient' is the obviousness of the danger. Since an employer can only guard against hazards he knows or ought to know about he cannot usually be blamed for injuries caused by hidden or unexpected dangers. But on the other hand he might be held liable if a proper research, training or information-flow system would have revealed the risks in question".*

*"(4) The fourth factor is the cost of safety. Essentially the law's task is to balance out society's desire for profit and the individual worker's demand for safety and welfare. It rarely resolves a safety problem by forbidding work to be carried on at all or by requiring precautions so expensive as to drive the employer out of business – though such a conclusion may possibly be reached if the danger is extreme and there is no other way of avoiding it".*

*"(5) Lastly we should recognize the inherent risk factor. All kinds of work involve varying degrees of risk about which little or nothing can be done. This is well recognised in the context of mining, steeplejacking, oil ring work and the like, but the point is equally true of much more humdrum jobs".*[29]

Il-Liġi Maltija tippreskrivi r-regola ġenerali li "min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurta` tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem."[30] Permezz ta' leġislazzjoni sussidjarja tagħmel għadd kbir ta' regolamenti applikabbli għal setturi partikolari tal-postijiet tax-xogħol.

***Piż tal-prova***

Iż-żewġ partijiet jaqblu illi f'każ bħal dan, ta sinistru fuq il-post tax-xogħol teżisti *culpa* kemm kuntrattwali kif ukoll akwiljana.

[29] Kevin Zammit vs Maltapost plc 31.05.2011 PA (RCP).
[30] Artiklu 6 (1) tal-Kap 242.

Skont l-Imħallef Caruana Curran "l-*colpa aquiliana* tirrikorri meta d-dannu jiġi kaġonat f'rapport extrakuntrattwali, cioe` tillimita ruħha għal fatt tal-bniedem bħala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover ġenerali tan-*neminem laedere* kombinat man-negliġenza taħt l-art. 1075, 1076 tal-Kodiċi mentri l-*colpa* jew responsabbilta` kuntrattwali tirrisali għal kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni tad-dover tal-prestazzjoni li l-obbligat għandu favur il-parti l-oħra".[31]

Skont il-kittieb Castronovo:[32]

> "*Mentre nel torto extracontrattuale la colpa e` elemento costitutivo della responsabilita` e cioe` di un'obbligazione risarcitoria tra due soggetti fino ad allora irrelati, nella responsabilita` contrattuale il vinculum iuris esistendo gia`, la colpa non puo` esplicare quella funzione costitutiva di un'obbligazione che invece le e` propria nella responsabilita` aquiliana. In pari tempo nella responsabilita` contrattuale e` l'obbligazione medesima che, in quanto si traduce nella necessita` giuridica dell'adempimento, da` vita a` responsabilita` per il fatto stesso della sua mancata attuazione, talche` solo l'impossibilita` di adempiere esclude la responsabilita` ma nel momento stesso in cui e per la ragione che estingue l'obbligazione (art. 1256 c.c.)*";

Skont id-dottrina maġġoritarja fl-Italja, id-differenza ewlenija bejn iż-żewġ tipi ta' lleċitu tinstab fix-xorta u piż tal-prova:

> *"Diverso e` infatti il contenuto della prova che spetta al danneggiato, il quale in caso di inadempimento dell'obbligazione (contrattuale) deve provare soltanto tale inadempimento, spettando poi al danneggiante la prova liberatoria sulla responsabilita`; mentre nella responsabilita` aquiliana, il danneggiato deve provare non solo il fatto dannoso, ma anche la responsabilita` del danneggiante.*"[33]

---

[31] Gaetano Spiteri v Thomas Castle 18.08.1965 Prim'Awla sedenti l-Imħallef M. Caruana Curran - XLIX.ii.1027
[32] Carlo Castronovo, La Nuova Responsabilita` Civile, 3a ed. , 2006, paġna 456
[33] Enciclopedia Forens

Fi kliem il-Bianca:

> "*Come la prova degli altri elementi constitutivi dell'illecito, la prova della colpa e` a carico del danneggiato. In cio` si riscontra una delle piu` vistose differenze della responsabilita` extracontrattuale rispetto a quella contrattuale, dove e` il debitore che ha l'onere di provare la sua mancanza di colpa.*[34]
>
> *"Per quanto si attiene al contenuto della prova liberatoria incombente in generale sul debitore inadempiente, va rilevato che a quest'ultimo non e` sufficiente dare una prova generica delle proprie capacita` o della idoneita` della propria organizzazione o dei mezzi predisposti per l'adempimento.*
>
> *"Occorre piuttosto che egli dia la prova della sua assenza di colpa in relazione alla causa che ha impedito l'adempimento o l'esatto adempimento, che cioe` tale causa era imprevedibile e inevitabile alla stregua della dovuta diligenza.*
>
> *"Questa prova implica l'identificazione della specifica causa impeditiva (il fortuito).*[35]
>
> *"Mentre la prova della mancanza di colpa e` a carico del debitore, la prova dell'inadempimento e` a carico del creditore.*"[36]

Illi d-dottrina Taljan suċċitata tista' tiġi applikata wkoll għal-liġi tagħna. Difatti, skont Artiklu 1133 tal-Kodiċi Ċivili:

> "Id-debitur, ukoll jekk ma jkunx mexa b'mala fidi, jiġi kkundannat għad-danni, jekk ikun hemm lok, sew minħabba li jkun naqas għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni kemm ukoll minħabba d-dewmien fl-esekuzzjoni tagħha, kemm-il darba hu ma jippruvax illi n-nuqqas tal-esekuzzjoni jew id-dewmien sar minħabba xi ħaġa barranija li tagħha huwa ma kienx ħtija."

[34] C. Massimo Bianca, Diritto Civile Vol 5 La Responsabilita` para. 253: seconda edizione 2012
[35] op.cit, para. 27
[36] op.cit. para. 28

Dispożizzjoni li tixbaħ lill-Art. 1218 tal-*Codice Civile Italiano* viġenti (tal-1942):

> *"Il debitore che non esegue esattamente la prestazione dovuta e` tenuto al risarcimento del danno, se non prova che l'inadempimento o il ritardo e` stato determinato da impossibilita` della prestazione derviante da causa a lui non imputabile".*

Il-kittieb Franzoni[37] jgħid li, għalkemm spiss jingħad li hemm l-inverżjoni tal-prova, ikun iktar preċiż jekk jingħad li l-*colpa* għadha element tal-illeċitu extrakuntrattwali jew akwiljan; filwaqt li l-Art. 1218 joħloq, fil-kamp kuntrattwali, responsabilita` oġġettiva, li d-debitur jista' jeħles minnha billi jipprova li l-inadempiment kien minħabba impossibilita` sopravvenuta li għaliha ma jaħtix hu. Dejjem fil-kamp kuntrattwali, "*e` l'inadempimento la fonte della responsabilita`, non gia` l'inadempimento colposo*."[38]

> "Il-ħtija meta tiġi kkunsidrata fl-entita` tagħha, hija waħda; u taħt dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejħa aquiliana, li titnissel minn delitt jew kważi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawża u fil-grad. In kwantu għall-kawża, il-ħtija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-eżistenti li magħha hija marbuta; mentri l-ħtija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu għall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilta` fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wieħed jista' jirrispondi ta' ħtija ħafifa skond il-każ, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita` testendi ruħha b'mod li dwarha ma hemmx grad."[39]
>
> 'Illi bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih

[37] Massimo Franzoni, L'Illecito, 2a ediz. (parti minn Trattato della Responsabilita` Civile tal-istess awtur), sena 2010, paġna 212
[38] Franzoni jiċċita lil Mengoni u Carnelutti li huma tal-istess fehma
[39] Vassallo v Mizzi et -09.04.1949 – Prim'Awla - Vol. XXXIII.ii.379

minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu[40], is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh;

Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "a safe system of work") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa[41] u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-Sigurta` tal-ħaddiem[42]. Huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni[43]. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi[44];

Il-ħtieġa ta' superviżjoni ma tistax tkun traskurata, u l-ebda taħriġ minn qabel ma huwa biżżejjed biex jeħles lil min jagħti x-xogħol mid-dmir li jipprovdi lill-ħaddiem mis-superviżjoni xierqa minn persuna ta' ħila u li f'kull waqt tkun qiegħda tara li l-ambjent tax-xogħol ma jkunx tali li jwassal għal xi inċident[45]. Dan l-obbligu tas-sorveljanza huwa parti sħiħa minn dak li l-liġi tifhem bih bħala l-ambjent tax-xogħol imbiegħed mill-perikli[46]. Din ir-regola tgħodd ukoll fejn ix-xogħol mogħti lill-ħaddiem ma jkunx ġdid għalih u fejn ikun hemm il-possibilta' li r-rutina twassal lill-istess ħaddiem biex jillaxka l-attenzjoni tiegħu[47].'[48]

---

[40] Art. 1031 tal-Kap 16
[41] Art. 6(2) tal-Kap 424
[42] Art. 6(3) tal-Kap 424
[43] Kumm. JH 9.9.1981 fil-kawża fl-ismijiet Godfrey Borġ vs George Wells et noe (mhix pubblikata)
[44] P.A. 10.10.1980 fil-kawża fl-ismijiet Calleja vs Fino (mhix pubblikata)
[45] P.A. TM 19.5.2005 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Spiteri vs Jesmond Micallef pro et noe (mhix appellata)
[46] P.A. DS 23.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet Michael Fenech vs Sammy Meilaq noe (mhix appellata)
[47] P.A. TM 9.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Charles Farruġia vs M.I.M.C.O.L. (mhix appellata)
[48] David Gathergood vs Anchor Bay Leisures Limited et - 12.03.2012 – PA (JRM)

Kif jistipula l-artikolu 2087 tal-*Codice Civile Italiano*:

> *Tutela delle condizioni di lavoro. L'imprenditore e` tenuto ad adottare nell'esercizio dell'impresa le misure che, secondo la particolarita` del lavoro, l'esperienza e la tecnica, siano necessarie a tutelare l'integrita` fisica e la personalita` morale dei prestatori di lavoro.*

Il-Qorti tal-Kassazzjoni spjegat li:

> *"Come è noto la responsabilità del datore di lavoro, ex art. 2087 c.c., non configura un'ipotesi di responsabilità oggettiva, è di natura contrattuale e sul piano della ripartizione dell'onere probatorio incombe al lavoratore che lamenti di avere subito, a causa dell'attività lavorativa svolta, un danno alla salute, l'onere di provare l'esistenza di tale danno, la nocività dell'ambiente di lavoro ed il nesso causale fra questi due elementi, gravando invece sul datore di lavoro, una volta che il lavoratore abbia provato le suddette circostanze, l'onere di dimostrare di avere adottato tutte le cautele necessarie ad impedire il verificarsi del danno, sì che non possa essere a lui addebitabile l'inadempimento all'obbligo di sicurezza previsto dalla norma."*[49]

Kif inhu magħruf, ir-responsabbiltà ta' min iħaddem, skont l-art. 2087 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, ma tikkostitwix ipotesi ta 'responsabbiltà stretta, imma hija ta' natura kuntrattwali u f'termini ta' tqassim tal-piżijiet, l-evidenza hija tal-ħaddiem li jilmenta li sofra, minħabba attività tax-xogħol imwettqa u ħsara lis-saħħa. Il-piż li tiġi ppruvata l-eżistenza ta' tali ħsara; il-ħsara ta' l-ambjent tax-xogħol u r-rabta kawżali bejn dawn iż-żewġ elementi, minflok tiżen fuq min iħaddem, ladarba l-ħaddiem ipprova ċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq, il-piż ta' prova taqa' fuq min iħaddem biex juri li ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex jevita li sseħħ il-ħsara.

[49] Cass. 17 febbraio 2009 n. 3788, Cass. 29 gennaio 2013 n. 2038. Cass., sez. Lav. 27.02.2015, n. 3989.

*"Occorre ancora precisare che la portata dell'esimente della responsabilita' e' stata chiarita da una recente sentenza della Suprema Corte di Cassazione penale, sez. IV, n. 22247/2014 che espressamente delimita tale ipotesi di esclusione a casi marginali (sul punto si vedano Cass. 28.4.2011, n. 23292, in linea con la consolidate giurisprudenza di legittimita' (tra le tante, v. sez. IV, 10.11.2009, n. 7267; sez IV, 17.2.2009, n.15009; sez. IV, 23.5.2007, n. 25532; sez. IV, 19.4.2007, n. 25502; sez.IV, 23.3.2007, n.21587; sez. IV, 29.9.2005, n.47146; sez. IV, 23.6..2005,n.38850; sez. IV, 3.6.2004).*

*"La menzionata giurisprudenza ha precisato che la colpa del lavoratore, eventualmente concorrente con la violazione della normative antinfortunistica addebitata ai soggetti tenuti a osservarne le disposizioni, non esime questi ultimo dalle propie responsabilita', poiché l'esistenza del del rapporto di causalita' tra la violazione e l'evento morte o lesione del lavoratore che ne sia conseguito puo' essere esclusa unicamente nei casi in cui sia provato che il comportamento del lavoratore fu abnorme, e che propio questa abnormalita' abbia dato causa all'evento; abnormalita' che, per la sua stranezza e imprevedibilita' si ponga al di fuori della possibilita' di controlla dei garanti…*

*"Poiche' incombe sul datore di lavoro il precipuo obbligo d'impedire prevedibili imprudent condotte dei lavoratori, mediante utilizzo al suolo, ove I dispositive di tutela fossero stati efficacemente approntati, non sarebbe stata attuata.*

*"Per queste ragioni… la pre-disposizione ed attuazione del P.O.S avrebbe scongiurato il sinistro mediante la predisposizione di efficacy strumenti dissuasive e impeditive."*

*"La Corte ha avuto modo di affermare reiteratamente:*

> *'L'estrema rarita' dell'ipotesi in cui affermarsi che possa configurarsi condotta abnorme anche nello svolgimento propio dell'attivita' lavorativa, escudendolo tutte le volte in cui il lavoratore commetta imprudenza affidandosi a procedura meno sicura, ma apparentemente piu' rapida o semplice, che non gli venga afficacemente preclusa dal datore di lavoro (sez. IV, n.952 del 27.11.1996; sez. IV, n. 40164 del 3.6.2004; sez. IV, n,2614 del 26.10.2006).'*

*"Altra recente giurisprudenza ha avuto modo di precisare che il datore di lavoro, in caso di violazione della disciplina antinfortunistica, e' esonerato da*

*responsabilita' soltanto quando la condotta del dipendente abbia assunto I caratteri dell'abnormalita', dell' imprevedibilita' e dell'esorbitanza rispetto al procedimento lavorativo ed alle direttive ricevute.*

*"Qualora non ricorrano i sopra elencati caratteri della condotta del lavoratore, l'imprenditore e` quindi integralmente responsabile dell'infortunio, dal momento che il datore e` tenuto a proteggere l'incolumita` nonostante la sua imprudenza e negligenza.*

*"Le norme dettate in tema di prevezione degli infortuni sul lavoro sono finalizzate alla tutela del lavoratore non solo dagli incidenti derivanti dalla sua distenzione, ma anche da quelli conseguenti ad imperizia, negligenza ed imprudenza dello stesso.*

*"Ne deriva che il datore di lavoro e` sempre responsabile dell'infortunio occorso al lavoratore, sia che ometta di adottare le idonee misure protettive, sia che non vigili che di queste misure venga fatto effettivamente uso da parte del dipendente, non potendo attribuirsi affetto esimente all'eventuale concorso di colpa del lavoratore, la cui condotta puo` comportare, invece, l'esonero totale del medesimo imprenditore da ogni responsabilita` solo quando presenti i caratteri dell'abnormalita`, inopinabilita` ed esorbitanza, necessariamente riferiti al procedimento lavorativo tipico ed alle direttive ricevute, cosi` da porsi come causa esclusiva dell'evento.*

*"Nella fattispecie, la colpa da parte del lavoratore non rappresentava affatto un evento imprevedibile atto a scagionare l'imprenditore dal dovere di vigilanza finalizzato al rispetto delle misure di prevenzione e, pertanto, quest'ultimo avrebbe dovuto offrire la prova di aver preteso il rispetto di tale fondamentale accorgimento, per cui il comportamento semplicemente omissivo del lavoratore non spezzava il nesso eziologico tra l'evento occorsogli e l'omissione della datrice di lavoro[50]."[51]*

Għalhekk mhux biżżejjed li tipprova li l-ħaddiem kien negliġenti biex ikollu t-tort il-ħaddiem. Biex ikollu t-tort irid jagħmel attivita` kompletament barra minn normal.

[50] Cass., sez. lav., 3.11.2015, n. 22413.
[51] Paolo Cendon, Responsabilita' Civile, 2017, Volume Terzo, Cap CLIV, pagna 3618.

Min iħaddem irid jaħseb għall-eventwalita' li l-ħaddiem ikun anke negliġenti u huwa għalhekk li għandu l-obbligu tas-sorveljanza.

***Riżultanzi***

L-attriċi ppruvat li ma kienx hemm superviżjoni fuq il-lant tax-xogħol tal-vittma, u li sad-data tal-inċident ma sarx *risk assessment*. Li kienet il-prassi tax-xogħol li t-trakkijiet jimxu b'lura fuq il-munzell sax-xifer tiegħu biex ibattlu ż-żrar jew ir-ramel, u li din l-operazzjoni kienet issir mingħajr ilqugħ u mingħajr ma jkun hemm xi persuna oħra li tiddirieġi lis-sewwieq tat-trakk f'liema punt jieqaf. Dan jirriżulta mhux biss mid-depożizzjonijiet ta' impjegati tas-soċjeta` konvenuta imma saħansitra mill-istqarrijiet li għamel *a tempo vergine* wieħed mid-diretturi tas-soċjeta`, Lawrence B. Saliba, responsabbli mill-*operations*. Il-Qorti mhix propensa li temmen il-verżjoni ta' Lawrence H. Saliba, direttur ieħor, li l-prattika kienet li t-trakk iħott f'ċerta distanza mix-xifer imbagħad iż-żrar jintefa' għal isfel permezz ta' gaffa li tibottah quddiemha. Dan billi din il-verżjoni hi kontradetta mhux biss mill-impjegati – prodotti mill-attriċi – imma wkoll mid-direttur Lawrence B. Saliba. L-ebda wieħed minn dawn ix-xhieda m'għamel riferenza għall-proċedura tal-gaffa kif għamel Lawrence H. Saliba, kif wieħed kien jistenna li jagħmlu. Il-Qorti tinnota li John B. Saliba – konvenjentement għas-soċjeta` konvenuta – ma ttellax jixhed minnha biex isostni l-verżjoni ta' Lawrence H. Saliba. Hemm ukoll prova indizzjarja ta' x'kienet il-prassi permezz tar-ritratt meħud ftit ħin wara l-inċident li juri trakk fix-xifer ta' munzell ieħor biswit dak li minnu waqgħet il-vittma. Sinifikanti li l-impjegati ma sarilhomx kontro-eżami. Huwa minnu li l-Qorti in sede penali lliberat lid-diretturi tas-soċjeta` konvenuti mill-akkużi kollha miġjuba kontrihom, inkluż dak ta' qtil involontarju. B'danakollu, apparti li din il-Qorti mhix marbuta b'dak li tiddeċiedi Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, f'dawk il-proċeduri l-

istqarrijiet ta' Lawrence B. Saliba ġew iddikjarati inammissibbli għaliex ma ngħatax id-debita twissija sabiex ma jinkriminax ruħu; u l-ħaddiema ta' Saliba Bros Limited ma ġewx mistoqsija x'kienet il-prattika tax-xogħol. Għalhekk jirriżulta li l-konvenuta ma pprovdietx post sikur tax-xogħol. Stabbilit li ma pprestax dan l-oneru kuntrattwali tagħha, kien jinkombi fuqha li tipprova li l-inċident sar minħabba kawża estraneja u li ma kellhiex kontroll fuqha. Fil-fatt, permezz tat-tielet paragrafu tar-Risposta Ġuramentata tagħha l-konvenuta eċċepiet li l-inċident seħħ tort tal-vittma minħabba li ma segwiex il-proċedura stabbilita. Kien għalhekk jinkombi fuqha li tipprova din l-allegazzjoni. B'danakollu, ma ġiebet l-ebda prova li tassew dan kien il-każ; anzi pjuttost jirriżulta l-kuntrarju. Id-dubbju li xeħtet fuq kemm il-vittma seta' kien attent billi skontha kien mgħaġġel biex imur id-dar mhuwiex prova ta' negliġenza.

***Ness kawżali bejn responsabilita` u danni***

Lill-Qorti jirriżultalha bla ebda ħjiel ta' dubju li l-mewt ta' Jesmond Vella kienet il-konsegwenza diretta tal-inċident. Dan ukoll huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin fil-qasam tal-likwidazzjoni ta' danni minħabba għemil traskurat jew negliġenti[52]. Għalhekk, għal din il-Qorti, ir-rabta bejn il-kawża tal-inċident u l-effetti li ħalla fuq il-vittma tirriżulta tajjeb biżżejjed.

***Damnum Emergens***

Illi l-attriċi qegħda titlob l-spejjeż li ħallset għar-ritratti illi ġew esebiti minn PS36 Sergio Azzopardi, liema ammont huwa ta €123.31. Tali ammont ma ġiex kontestat.

[52] App. Inf. PS 20.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Gerald Buġeja vs David Gatt

***Grad ta' dipendenza***

Tqajjmet il-kwistjoni jekk iben il-vittma ħaqqux jieħu danni.

M'hemmx dubbju, anke mis-sentenza esibita, li Jesmar Vella hu bin il-vittma. Il-konvenuta targumenta li l-omm ma tistax fl-istess nifs tgawdi mill-benefiċċji soċjali billi tallega li missier it-tarbija mhux magħruf, u mbagħad tbiddel ir-rotta u titlob kumpens minħabba l-mewt ta' missieru. Il-Qorti ma tistax taċċetta dan l-argument. Il-kawża *de quo* qed jagħmilha t-tifel li ma jaħti xejn għall-aġir t'ommu. Jekk l-omm żbaljat jista' jkun hemm konsegwenzi taħt liġijiet oħrajn imma mhux għall-fini ta' din il-kawża. It-tifel kellu dritt indipendentament minn x'għamlet l-omm li jiġi mantnut minn missieru u għalhekk għandu kull dritt jiftaħ din il-kawża.

Skont Art. 1046 tal-Kodiċi Ċivili, f'każ ta' mewt minħabba tort delittwali, il-Qorti tista' "**tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' inkapaċita` totali għal dejjem"** u ċjoe` l-*lucrum cessans* skont Art. 1045. Issa dawn id-disposizzjonijiet jirreferu għal ħsara *ex delicto*. Fil-każ preżenti, almenu skont qbil bejn il-partijiet f'din il-kawża, id-danni kkawżati jaqgħu kemm taħt il-kappa tal-*ex delicto* kif ukoll tal-*ex contractu*. Billi ma hemmx diverbju dwar jekk l-Art. 1046 hux applikabbli għall-każ preżenti, din il-Qorti mhix sejra tinvesti din it-tema, u sejra teħodha, għall-fini ta' din il-kawża, li l-Art. 1045 u 1046 huma applikabbli.

Il-Qorti hi konsapevoli li hemm diverġenza fil-ġurisprudenza dwar jekk jekk l-Art. 1046, għalkemm jirreferi ċar u tond għall-"werrieta" jagħtix jedd għad-danni *iure successionis* inkella jagħtihomx dritt *iure proprio.* Ix-xorta ta' jedd mhix sempliċi tema akkademika. Jekk il-jedd huwa tal-ewwel xorta, allura l-werriet jidħol awtomatikament fiż-żarbun tal-mejjet, u d-danni jiġu likwidati daqs li kieku l-mejjet

baqa' ħaj; jekk il-jedd huwa tat-tieni xorta, allura d-danni likwidati jirreferu għat-telf tal-werriet b'konsegwenza tal-mewt tal-vittma; telf li jiddependi ħafna fuq il-grad ta' dipendenza li l-werriet ikollu fuq il-mejjet, u li jinvolvi t-tnaqqis għall-own *consumption* tal-vittma.[53] Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-orjentament ta' ħsieb, anke jekk tasal biex taqbel mal-iskop tiegħu li jkun hemm likwidazzjoni tad-danni ekwitattiva. Fejn il-liġi hija ċara, qatt m'għandu jkun hemm lok għal interpretazzjoni. L-imħallfin mhumiex glossaturi tal-medjoevu.[54]

Hi x'inhi l-veduta legalment korretta, *ż-żewġ* kontendenti jaqblu li għandu jkun hemm tnaqqis ta' 25% minħabba l-*own consumption,* jaqblu fil-prinċipju fuq id-*dependency factor* għalkemm filwaqt li l-attriċi ssostni li t-tnaqqis għandu jkun zero għaliex il-minorenni kien se jkun totalment dipendenti fuq missieru; il-konvenuta ssostni li ma kien dipendenti xejn. Il-Qorti, minkejja l-veduti tagħha espressi iktar 'il fuq, sejra taddotta l-kriterji tal-*own consumption* u tad-dipendenza, anke jekk l-applikazzjoni tal-liġi korretta taqa' fil-kompitu tagħha, u mhux fid-dispositiv tal-partijiet*: da mihi factum, dabo tibi ius,* u dan b'rispett għall-prinċipju l-ieħor li għandha toqgħod għal-limiti tal-kontroversja imoġġija mil-litiganti.

Il-kontendenti jaqblu wkoll fuq paga medja ta' €13,500. Ma jaqblux fuq il-*multiplier*. Skont l-attriċi dan għandu jkun ta' 25 sena; skond il-konvenuta dan għandu jkun ta' 18-il sena biex jittieħed qies taċ-*changes and chances of life*. Fl-aħħarnett l-attriċi ma taqbilx li għandha ssir *lump sum reduction*, in vista ta' sentenza

---

[53] Għal sentenza b'analiżi kritika tal-ġurisprudenza, ara Angelo Galea v. Silvio Piscopo 03.10.2003 Prim'Awla, *coram* Onor. Imħallef Philip Sciberras. Ġja` lura fil-1964, Ronald Petrie v. Sebastiano Ciappara 22.06.1964 Appell Ċivili kienet ikkritikat l-applikazzjoni tal-kriterju tad-dipendenza mhux volut mil-liġi.

[54] Din il-Qorti mhix qiegħda tgħid dan b'xi disprezz lejn il-glossaturi; qiegħdha tagħmel riferenza għalihom għaliex huma kienu qegħdin effettivament jilleġislaw billi jaddottaw normi minn sistema legali antika għall-ħtiġijiet tas-soċjeta` tagħhom li fiha l-Istat kien għadu fil-bidu tiegħu u ftit li xejn kien jilleġisla; b'differenza millum f'ordinamenti tad-dritt ċivili (fis-sistemi tal-*common law* għadha teżisti l-*judge-made law*) li ma jagħmilhiex leġislatur iżda hi marbuta bil-liġi pożittiva imposta mil-leġislatur – anke f'kawżi li jinvolvu ksur tal-jeddijiet tal-bniedem fejn jista' saħansitra jħassar il-liġi ordinarja, tagħmel dan in forza ta' liġi superjuri.

ta' din il-Qorti kif ippreseduta, kif ukoll billi l-kawża ilha pendenti 12-il sena. Min-naħa l-oħra, l-konvenuta ma taqbel xejn mal-pronunzjament ta' din il-Qorti għalkemm tikkonċedi li t-tnaqqis għandu jiġi temperat minn 20% għal 12% minħabba ż-żmien twil li għadda mill-inċident.

Dwar il-livell ta' dipendenza, it-tifel għandu lil ommu li wkoll għandha l-obbligu li tmantih. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tpoġġi l-livell ta' dipendenza fuq il-missier bir-rata ta' 70%.[55]

***Grad ta' diżabilita`***

Illi f'dan il-każ m'hemmx dubju illi d-diżabilita' hija ta' mija fil-mija *stante* illi fl-inċident *de quo* Jesmond Vella tilef ħajtu.

***Multiplier***

Fiż-żmien tal-inċident il-vittma kellu 39 sena. Tenut kont taċ-*chances of life* tal-ħajja lavorattiva, li fil-preżent ġiet estiża għall-eta` ta' 65 sena, din il-Qorti se taddotta multiplier ta' 20 sena.[56]

***Lump Sum Payment***

Illi l-Qorti kif qalet f'sentenzi oħra mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħdha tingħata *lump sum*. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit

---

[55] Ara dwar il-grad ta' dipendenza fuq il-kap tal-familja Turner v. Agius 28.11.2003 Qorti tal-Appell u Antoinette Farrugia v. Nicholas Farrugia 28.02.2014 Qorti tal-Appell.

[56] Ara tabella indikattiva fil-kawża Anthony Azzopardi u ibnu Dominic Azzopardi v Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta – P.A - 8.03.2012.

tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. an iżda mhuwiex ilkaż fiż-żminijiet tallum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat.[57]

Il-*lucrum cessans* għandu jiġi kkalkolat bil-mod segwenti:

- Ebda tnaqqis minħabba l-ħlas *lump sum.*

- Paga annwali ta' €13,500.

- *Multiplier* ta'  20 sena.

- Grad ta' diżabilita` permanenti ta' 100%.

- Grad ta' dipendenza 70%.

- Own consumption 25%

€13,500 x 20 x 70% x 75% = €141,750

Ma' dan l-ammont irid jiżdied l-ammont ta' *damnum emergens* ta' €123.31.

Illi għalhekk l-ammont komplessiv ta' danni sofferti mir-rikorrent li għalihom għandha tagħmel tajjeb l-intimata jammonta għal €141,873.31.

**Decide**

[57] Trevor Grech vs Lawrence Agius, 17.10.2018, PA

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħdha tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta, tilqa' t-talbiet kollha tal-attriċi u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-soċjeta` konvenuta unikament responsabbli għall-inċident li bħala konsegwenza wassal għall-mewt ta' Jesmond Vella, impjegat tagħha, kif ukoll għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbet ir-rikorrenti noe.

2. Tillikwida d-danni kollha subiti mill-atturi b'riżultat tal-istess inċident fis-somma ta' €141,873.31.

3. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallas lill-esponenti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja tal-24 ta' Settembru 2008 u dawk tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Ottubru 2008, bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali ħlas effettiv u spejjeż legali kontra s-soċjeta` konvenuta.

Moqrija

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA